**4 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Richard Vella Bamber

*versus*

Joe A. Vella *et*

**Inġurja – Id-Dritt ta' l-Espressjoni skond l-Artikolu X tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Gravità ta' l-Inġurja biex tiġbed id-danni**

*Biex wieħed jara hemmx malafama jew le wieħed irid iqis mhux biss il-Kap. dwar l-Istampa, iżda jqis wkoll l-artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu X ta' l-Att XIV ta' l-1987.*

*Anke jekk l-attur ħass ruħu inġurjat b'attribuzzjoni li huwa jqis li mhix veru, b'dan kollu jidher li l-kitba ma teċċedix il-limiti ttraċċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Ma' dan imbagħad għandu jiżdied, bħala deċiżament determinanti, ir-rilless tal-grad ta' gravità li l-inġurja għandha tassumi sabiex tiġbed in-neċessità ta' riżarċiment oltre t-tutela ġuridika.*

L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat din is-sentenza fit-12 ta' Ottubru, 1992:

"Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Jannar, 1990, li biha l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti bħala editur u stampatur rispettivament tal-ġurnal "It-Torċa", permezz tal-kitba "Vella Bamber jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema tal-*Phoenicia*" mxandra fil-faċċata ta' quddiem tal-ħarġa tal-ġurnal "It-Torċa" ta' nhar il-Ħadd, 7 ta' Jannar, 1990 (Dokument A), taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-ridikolu

jew għad-disprezz tal-pubbliku; illi l-attur bħala parti offiża għandu dritt għad-danni kkontemplati fil-liġi ta' l-Istampa; **talab** li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti bħala editur u stampatur rispettivament tal-ġurnal "It-Torċa" taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li għandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tiegħu; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma li dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix l-elfejn lira (Lm2,000) bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut Vella ppreżentata fid-9 ta' Frar, 1990, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. In-nullità ta' l-att ta' ċitazzjoni u tan-notifika;

2. Subordinatament u bla preġudizzju, m'hemmx fil-kitba "*de quo*" ebda nġurja lill-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut Charles Mizzi ppreżentata fit-12 ta' Frar, 1990, li permezz tagħha eċċepixxa illi hu ma qarax il-

kitba *'de quo'* qabel ġiet ippubblikata;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut Vella ma ressaq ebda prova dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u għalhekk għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza mogħtija llum stess *in re:* "Richard Vella Bamber *vs* Felix Agius *et*" *qed tiċħad din l-eċċezzjoni;*

Illi fil-mertu l-artikolu li dwaru qed jilmenta l-attur jirrapporta dwar proċeduri urġenti li ttieħdu mill-pulizija kontra Alfred Kitcher, *steward* awtorizzat mill-*General Workers Union,* fejn dana ġie mixli li intimida u hedded lil Richard Vella Bamber;

L-artikolu ma jissemmix lill-attur odjern, ħlief kif ingħad hawn fuq, u jillimita ruħu għall-kummenti ġeneriċi dwar kif dawn l-istess proċeduri kontra Kitcher ittieħdu b'urġenza meta fihom infushom ma kienx hemm urġenza. Jista' għalhekk jingħad li l-kritika ġiet indirizzata lejn il-Qorti u l-Pulizija għall-mod kif imxew. B'dana kollu l-artikolu huwa intestat "Vella Bamber jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema tal-*Phoenicia*" u l-implikazzjoni hija li dak koillu li ġara u li jissemma fl-artikolu kien riżultat ta' xi makkinazzjoni ta' l-istess attur odjern. Tant hu jekk li l-artikolu jagħlaq bil-kliem "Meta l-uffiċjali tal-*GWU* marru jkellmu lill-ħaddiema tal-*Phoenicia* dawn intlaqgħu b'entużjażmu u ntweriet solidarjetà sħiħa ma' Kitcher u **determinazzjoni li ma jibżgħu mill-ebda intimidazzjoni min-naħa tal-*management*** (Sottolinear tal-Qorti). Dawn il-kliem

jorbtu lil Vella Bamber bħala wieħed mill-membri tal-*management* tal-*Phoenicia* ma' dak li ġara u deskritt fl-istess artikolu u li l-istess Vella Bamber kien għalhekk qiegħed jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema;

Illi tenut kont taż-żminijiet u ċ-ċirkostanzi meta l-artikolu ġie ppubblikat meta kienet għaddejja azzjoni industrijali mill-istess ħaddiema tal-*Phoenicia Hotel* liema azzjoni kienet attirat l-attenzjoni tal-pubbliku in ġenerali. Tenut kont ukoll tal-posizzjoni ta' Vella Bamber bħala *manager personnel* tal-*Phoenicia Hotel*, l-insinwazzjoni li l-attur kien qed jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiem, ma tistax ħlief tiġi interpretata bħala inġurjuża u intiża biex tesponih għad-disprezz tal-pubbliku;

Illi għalhekk il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet ta' l-assistent ġudizzjarju u tagħmel tagħha r-rapport tiegħu;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti;

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

2. Tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni tillikwida dawn fis-somma ta' erba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm450) fir-rigward tal-konvenut Vella, u mitejn lira Maltija (Lm200) fil-konfront tal-konvenut Mizzi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur a saldu tal-pretensjonijiet tiegħu dawn is-somom hekk illikwidati;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti u bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sa l-effettiv pagament";

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u talbu li din il-Qorti, wara li tiddikjara li fil-kitba "*de quo*" ma kien hemm xejn inġurjuż, tgħaddi biex tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

L-attur appellat, min-naħa l-oħra sostna li s-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma u għalhekk talab li l-appell interpost jiġi miċħud bl-ispejjeż;

Fil-qosor, il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn: f'Jannar 1990, il-*General Workers' Union* kellha tilwima industrijali mal-*Management* tal-lukanda *Phoenicia*. L-attur appellat irriżulta li kien jokkupa l-kariga ta' "*Senior Assistant Manager* u *Personnel Manager* u li:

"Kważi l-ħin kollu kien qiegħed "*on duty*" jieħu ħsieb il-*Management* u l-andament tal-lukanda fiċ-ċirkostanzi ta' l-*istrike*" (Fol. 28);

Bħala "*Duty Manager*" l-appellat kien għamel rapport lill-Pulizija li Alfred Kitcher, fil-preżenza ta' nies oħra, beda jgħajjat:

"Illi huwa kien sejjer jagħmel telefonata u jiġu jkissru kull ma hemm, ċjoè fil-*Phoenicia Hotel*" (fol. 19);

Dan Alfred Kitcher kien *Steward* awtorizzat mill-*General Workers' Union*. Jidher li l-Pulizija ħadet passi immedjati fuq dan ir-rapport ta' l-appellat. Infatti Kitcher tressaq **b'urġenza**, is-Sibt 6 ta' Jannar, 1990, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati biex iwieġeb għall-akkuża li intimida u hedded lill-appellat, akkuża li ġiet miċħuda minn Kitcher;

Irriżulta li l-għada, il-Ħadd 7 ta' Jannar, il-ġurnal "It-Torċa" ġab fil-faċċata ta' quddiem kitba bit-titolu b'ittri kbar:

"Vella Bamber jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema tal-*Phoenicia*". (fol. 3);

L-artikolu fih tagħrif dwar Alfred Kitcher, l-akkuża msemmija kontrih, kummenti avversi għall-fatt li ttieħdu passi bil-Qorti dwar każ ta' ftit importanza u għall-fatt li dawn il-proċeduri tmexxew bl-urġenza. L-artikolu jispiċċa b'kumment li uffiċjali tal-*GWU* u l-ħaddiema tal-*Phoenicia* wrew:

"Solidarjetà sħiħa ma' Kitcher u determinazzjoni li ma jibżgħu mill-ebda intimidazzjoni min-naħa tal-*Management*. Huma tennew li lesti jibqgħu sodi sakemm il-ġlieda tintrebaħ";

Fil-11 ta' Jannar, 1990, l-appellat istitwixxa l-odjerna kawża kontra l-Editur u l-Istampatur tal-ġurnal imsemmi għall-malafama u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. L-appellat xehed hekk:

"Jiena nsostni li jiena qatt ma ppruvajt inbaxxi l-moral tal-ħaddiema anzi dejjem ippruvajt ngħolli l-moral tal-ħaddiema. Ngħid hawnhekk qed ikolli *"title"* fil-*"front page"* bi kliem kbar li qiegħed jallega li jiena qed nipprova nbaxxi l-moral tal-ħaddiema. Għalhekk jiena nħossni malafamat bit-titolu ta' dan l-artikolu... Ngħid illi l-kontenut ta' l-artikolu ma jirrigwardax lili. Għaldaqstant ngħid li jiena ħassejtni nġurjat bit-titolu ta' dana l-artikolu. Ngħid li minħabba dana l-artikolu jiena rċevejt telefonati anonimi d-dar". (fol. 18 u 19);

Waqt il-kontro-eżami, l-appellat ikkonferma li huwa kien

qiegħed joġġezzjona għat-titolu ta' l-artikolu in kwistjoni billi l-kumplament ma kienx jirrigwardah. Huwa kkonferma li fit-tilwima industrijali bejn il-*General Workers' Union* u l-*Management*, huwa kien ovvjament qiegħed iżomm mal-*Management;*

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha, l-ewwel Onorabbli Qorti sabet il-kitba in kwistjoni bħala inġurjuża fil-konfront ta' l-appellat u li l-istess kitba kienet intiża biex tesponih għad-disprezz tal-pubbliku. Hija waslet għal din il-konklużjoni billi rabtet il-kontenut kollu ta' l-artikolu mat-titolu ta' l-istess artikolu u qalet li:

"l-implikazzjoni hija li dak kollu li ġara u li jissemma fl-artikolu biex riżultat ta' xi makkinazzjoni ta' l-istess attur odjern";

Illi l-appellanti sostanzjalment ressqu żewġ lamenti għal din id-deċiżjoni. Fl-ewwel lok huma sostnew hekk:

"Hu inkonċepibbli li, f'okkażjoni ta' tilwima industrijali ħarxa, li tgħid li xi ħadd mill-*Management* qed jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema, dan jikkostitwixxi inġurja. X'inhi l-inġurja? Il-Liġi ma tiddefinihiex imma mill-Ġurisprudenza nafu li l-inġurja timplika attribuzzjoni ta' xi ħaġa degradanti lill-persuna li lejha jkun dirett l-addebitu. Żgur li m'hemm xejn degradanti (fl-idea tal-qarrej ordinarju) li wieħed jgħid lil xi ħadd mill-*Management* li kien qed jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema. F'tilwima industrijali, mhux naturali li naħa teżerċita pressjoni fuq oħra u naħa tross l-oħra? Fejn tidħol id-degradazzjoni f'dan kollu?

Fuq kollox din kwistjoni ta' opinjoni u ta' *"value judgement"* u kollox irid jitqies fuq l-isfond tal-libertà ta' l-istampa";

Fit-tieni lok l-appellanti kkritikaw is-sentenza appellata testwalment hekk:

"Hu stramb ħafna kif l-Ewwel Onorabbli Qorti issottolineat kliem mill-aħħar paragrafu tal-kitba *"de qua"* meta l-istess attur ma tax lil dik il-parti daqstant importanza;

L-attur wara ċar u tond li hu ma kienx jaġixxi kieku ssemma l-'Management" biss – bħalma *del resto* ħadd ieħor mill-*Management* ma aġixxa. L-attur aġixxa fejn issemma hu b'ismu. Infatti, in kontro-eżami għad-domanda "Ngħid sewwa illi sibt oġġezzjoni għall-*'heading'* ta' l-artikolu *'de quo'* għaliex il-kumplament ma jirrigwardax lilek, kif xehedt diġà?" L-attur wieġeb IVA, bla tlaqliq ta' xejn";

Illi kwantu għall-ewwel ilment, biex wieħed jasal għall-konklużjoni ġusta jekk f'każijiet bħal dawn hemmx malafama jew le, wieħed m'għandux biss iżomm quddiemu l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), iżda għandu jinterpreta dan l-att fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, u, *in vista* ta' l-Att XIV ta' l-1987 (illum Kap. 319), anke fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jagħtu protezzjoni għal-libertà ta' espressjoni. A skans ta' ripetizzjoni, qiegħda ssir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, mogħtija fl-4 ta' Frar, 1994, fil-kawża: "**Anġlu Fenech *proprio et nomine vs* Carmelo Callus *et***" fejn dan il-punt huwa amplifikat u approfondit sewwa. Trid issir riferenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva tal-Qorti Ewropeja tad-

Drittijiet Umani u infatti f'dik is-sentenza ntqal li:

"Din il-ġurisprudenza wessgħet sensibbilment l-*area* tal-*leġittimità tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mil*-liġijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn il Qrati speċjalment għal dak li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-istampa";

Fil-fehma tal-Qorti l-kitba impunjata, għalkemm jista' jingħad li tagħmel dak li jingħad li huwa ġudizzju temerarju u żbaljat *fuq l-għemil ta' l-attur meta huwa rrapporta lill-Pulizija* li ġie mhedded u intimidat minn Alfred Kitcher, l-"*isteward*" tal-*General Workers' Union* – b'dan kollu billi din hija limitata għat-titolu – Vella Bamber jipprova jbaxxi l-moral tal-ħaddiema tal-*Phoenicia*, anki jekk soġġettivament, l-attur ħass ruħu inġurjat b'attribuzzjoni li huwa jqis inveritiera – b'dan kollu jidher li dan ma jeċċedix il-limiti traċċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-drittijiet tal-Bniedem. Ma' dan imbagħad, għandu jiżdied, bħala deċiżament determinanti, ir-rifless tal-grad ta' gravità li l-inġurja proferita għandha tassumi sabiex tiġbed in-**neċessità ta' riżarċiment** ***oltre*** *t-tutela ġuridika – kif ġie traċċjat fis-sentenza Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Mejju, 1936, Strickland vs* Mizzi (Vol. XXIX.I.639); u tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ta' l-24 ta' Mejju, 1989, K. Tonna *vs* F. Agius *et;* tal-25 ta' Lulju, 1989, M. Rossignaud *et* vs F. Agius *et;* u tat-8 ta' Jannar, 1990, Dr. K. Wain *vs* F. Agius *et;*

Għalhekk f'dan is-sens, l-appell qiegħed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata qed tiġi rrevokata – b'dan però, illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jiġu ssopportati hekk – dawk ta' l-ewwel istanza għall-konvenuti u dawk ta' dan l-appell mingħajr taxxa bejn il-kontendenti;

L-ispejjeż dovuti mill-konvenuti lill-attur jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mill-editur u terz mill-istampatur.